# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April, 2001

**Numru**

**Citaz.  numru:  3226/96 NA**

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Avukat Nives Grixti u l-P.L. Joanna Dingli li b'digriet tal-4 ta' Dicembru 1996 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti prokuratur legali Anthony Apap Bologna**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-Bank attur fit-13 ta' Novembru 1996 fejn gie premess:

"Illi l-konvenut dahal bhala garanti solidali mas-socjeta' Sanitas Limited ghar-rifuzjoni ta' somma li ma teccedix hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) oltre l-imghax u l-ispejjez,

liema somma kienet giet avvanzata lis-socjeta' msemmija Sanitas Limited. Dana sar in forza ta' skrittura ta' fideussjoni tal-31 ta' Lulju 1984 hawn esebita bhala Dokument "A" kif ukoll in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza ta' l-istess data liema kuntratt qieghed jigi hawn esebit bhala Dokument "B";

Illi s-socjeta' Sanitas Limited baqghet inadempjenti fil-hlas tas-somma lilha avvanzata per via ta' *overdraft*, u ghaldaqstant il-bank attur ghandu dritt illi jdur fuq il-garanti solidali sabiex dan jaghmel tajjeb ghas-somma principali kif ukoll ghall-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mit-3 ta' Dicembru 1995;

TALAB li din il-Qorti:

1. tikkundanna l-konvenut sabiex ihallas il-Bank attur is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf lira (Lm25,000) bl-imghax fuq imsemmi u bl-ispejjez, filwaqt li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess Bank, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti esebiti in sostenn ta' l-istess talbiet.

Rat il-proceduri li wasslu ghan-nomina ta' l-Avukat Dottor Nives Grixti w il-Prokuratur Legali Joanna Dingli bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lill-assenti b'digriet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tal-4 ta' Dicembru 1996.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kuraturi tat-23 ta' Ottubru 1996 fejn iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti w irriservaw li jaghtu eccezzjonijiet ulterjuri fuq il-meritu.

Il-kawza giet differita diversi drabi ghal dan l-iskop u cioe' biex il-kuraturi jiddikjaraw kellhomx eccezzjonijiet u provi fir-rigward tal-meritu citattiv. Finalment fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2000 wara li xehed rapprezentant tal-Bank attur il-kawza thalliet ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi dak premess fic-citazzjoni jirrizulta ppruvat mill-iskrittura tal-31 ta' Lulju 1984 (a fol. 5 sa 8 tal-process) u mill-att pubbliku ta' l-istess data fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John

Bisazza u dana fir-rigward tal-garanzija moghtija mill-konvenut ghas-socjeta' Sanitas Limited.

Ma giex ippruvat illi fil-fatt l-ammont rikjest gie mitlub minn ghand id-debitur principali minkejja illi dan ma giex anqas ikkontestat.  In ogni caso fil-kamp ta' l-obbligazzjonijiet kummercjali tezisti s-solidarjeta' bejn id-debitur principali w il-garanti tieghu.

Di piu' s-somma mitluba giet ippruvata li kienet u ghadha dovuta u dana mix-xhieda ta' Nicholas Briffa, rapprezentant tal-Bank attur, moghtija fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2000.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti jidhrilha illi ghandha tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Bank attur is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) bl-imghax fuq l-istess somma u bl-ispejjez tal-kawza.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.